27 ta' Ġunju, 1946.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Carmela Cascun *versus* Salvatore Cascun et.

**Bejgħ — Komunjoni ta' l-Akkwisti — Simulazzjoni — Azzjoni Pawljana — Liċenza — Art. 1362 u 1187 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Meta tiġi xjolta l-komunjoni ta 'l-akkwisti r-raġel ma jibqax aktar "dominus" di fronti għat-terzi b'mod li huwa jkun jista' jiddisponi mill-akkwisti. Jekk huwa jiddisponi mill-akkwisti wara x-xoljiment tal-komunjoni huwa jiddisponi minn ħwejjeġ ħadd ieħor; u l-bejgħ li huwa jagħmel f'każ simili huwa null.*

*Anzi proprjament, quddiem it-terzi, sid il-ħaġa ma għandux bżonn jimpunja l-bejgħ, imma jista' jipprexindi minnu u jirrivendika l-ħaġa.*

*Is-simulazzjoni hija forma ta' frodi li taqa' taħt is-sanzjoni ta' l-azzjoni pawljana.*

*Il-fatt illi liċenza tkun intestata għan-nom ta' persuna ma jnaqqasx id-drittijiet li persuna oħra għandha fuq dik il-liċenza. Dik l-intestatura għandha importanza biss għall-finijiet amministrativi tal-ħlas tal-liċenza u għall-finijiet tar-responsabilità tat-titolari di fronti għar-regolamenti ta' ordni publiku, bla ma jiġu bl-ebda mod preġudikati l-interessi patrimonjali ta' l-interessati.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, wara li ppremettiet illi b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 1943, ġiet pronunzjata s-separazzjoni personali bejnha u żewġha, il-konvenut Salvatore Cascun, u ġiet ordnata wkoll iċ-ċessazzjoni, b'effett minn dik il-ġurnata, tal-komunjoni ta' l-akkwisti minnhom magħmula (dok. A); illi b'ċitazzjoni nru. 320 ta' l-1945, preżentata quddiem dina l-Qorti, l-instanti talbet il-likwidazzjoni u diviżjoni ta' dawn l-akkwis-

ti bejnha u l-istess żewġha; illi fil-kors tal-komunjoni ta' l-akkwisti żewġha kien akkwista nofs indiviż ta' Char-a-banc "Chevrolet" numru 3350, munit bir-relativa liċenza li jagħmel servizz fuq il-linja ta' Ħaż-Żebbuġ; illi in okkażjoni taxxbieda li taw iż-żewġ konvenuti fil-kawża fuq riferita, li fiha l-konvenut Francesco Cascun ġie msejjaħ bħala xhud, huma ddikjaraw u ppretendew li xi sena ilu, vwoldiri wara ċ-ċessazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti fuq imsemmija, il-konvenut Salvatore Cascun kien ċeda u ttrasferixxa, mingħajr skrittura, lil ibnu l-konvenut Francesco Cascun, li diġà kien jippossjedi n-nofs indiviż ta' l-istess char-a-banc u tar-relativa liċenza, in-nofs indiviż l-ieħor minn l-istess liċenza biss, li tappartjeni lill-imsemmija komunjoni ta' l-akkwisti, bil-konsegwenza li, skond dina l-pretensjoni taż-żewġ konvenuti, per effett ta' din is-supposta ċessjoni l-konvenut Francesco Cascun sar l-uniku proprjetarju tal-liċenza, mentri l-karrozza baqgħet posseduta minn l-istess komunjoni ta' l-akkwisti u mill-konvenut Francesco Cascun, nofs indiviż kull wieħed (dok. B u C); illi minħabba din il-pretensjoni l-attriċi għandha l-interess evidenti, għall-finijiet ta' l-oġġett tal-kawża fuq riferita, li tottjeni, anki fil-konfront u in kontestazzjoni tal-konvenut Francesco Cascun, il-pretiż proprjetarju tal-liċenza msemmija, id-dikjarazzjoni tan-nullità ta' dik iċ-ċessjoni in forza tas-sentenza li għandha tiġi pronunzjata fuq il-preżenti istanza;

Talbet li ċ-ċessjoni fuq imsemmija li l-konvenut Salvatore Cascun talvolta għamel a favur tal-konvenut l-ieħor Francesco Cascun, tan-nofs indiviż tal-liċenza fuq riferita, li tappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti ġà msemmija, tiġi dikjarata nulla u ta' l-ebda effett, u jekk hemm bżonn annullata u rexissa, in kwantokkè ġiet magħmula mingħajr il-kunsens tad-domandanti, ma hix vera u reali imma simulata u fittizja, u li saret mingħajr il-formalità meħtieġa mil-liġi u separatament mix-char-a-banc li għalih hija relativa, u għall-motivi l-oħra riżultanti fit-trattazzjoni. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tal-14 ta' Novembru 1945, u b'ordni lill-konvenuti biex jidhru għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet fol. 15, li fiha l-konvenut issottometta li bejnu u bejn l-attriċi kien hemm rikonċiljaz-

zjoni u konvivenza ta' tliet ġimgħat, u għalhekk tilfet kull effett is-sentenza tas-separazzjoni pronunzjata fil-5 ta' Lulju 1943; u subordinatament, illi ċ-ċessjoni ma hijiex attakkabili, la kwantu għall-forma, u lanqas kwantu għar-realtà u bona fede tagħha;

Trattata l-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel eċċezzjoni giet deċiża fil-kawża fl-ismijiet invertiti, maqtugħa minn din il-Qorti fl-4 ta' April 1946, (ċitaz. 114/1946) f'sens sfavorevoli għall-konvenut odjern, li ma appellax minn dik id-deċiżjoni. Għalhekk ma hemmx lok aktar għall-pronunzjament dwarha;

Illi għalkemm, kif jidher inekwivokament mit-tieni eċċezzjoni, u kif deher mid-dibattitu orali, il-konvenut sostna r-realtà u legalità taċ-ċessjoni denunzjata mill-attriċi, fin-nota tiegħu però fol. 33, preżentata fl-intervall tad-differiment ta' din il-kawża għas-sentenza, il-konvenut qiesu ammetta d-domanda billi stqarr illi bejnu u bejn ibnu qatt ma saret ebda ċessjoni, "sija għaliex ma saretx b'forma legali, u sija għax ma sar l-ebda trasferiment................"; u kompla jgħid illi "dak li l-attriċi ssejjaħ ċessjoni hija dikjarazzjoni ossija konstazzjoni tal-fatt illi l-liċenza miktuba u registrata għan-nom ta' Francesco Cascun hija tiegħu";

Illi b'din l-interpretazzjoni serotina l-konvenut fittex illi jisposta l-kwistjoni billi jammetti li ma kienx hemm ċessjoni, imma jgħid li kien hemm rikonoxximent tal-fatt illi l-liċenza hi tat-tifel komuni Francesco Cascun;

Illi però, apparti illi ma kienx hemm f'dan is-sens il-kuntratt kważi-ġudizzjali furmat b'din il-kawża, għaliex sew l-iskritturi kemm it-trattazzjoni orali wrew illi l-punt in kwistjoni kien jekk iċ-ċessjoni kienetx vera kif ried igħid il-konvenut, jew simulata kif issostni l-attriċi, mill-istess xhieda tal-konvenut jidher ċar illi l-istess konvenut dejjem ippretenda illi l-liċenza ta' dan ix-char-a-banc kienet kollha ta' ibnu għaliex hu kien ċedielu sehmu tal-liċenza (ara xhieda tal-konvenut fis-seduta tal-15 ta' Novembru 1945 fil-kawża "Cascun vs. Cascun" li kopja tagħha hemm fol. 10 ta' dan il-proċess). F'din ix-xhieda tiegħu l-konvenut infatti qal:— "............... jien lit-tifel ċedejtlu sehmi tal-liċenza". Anki

l-konvenut l-ieħor Francesco Cascun (li baqa' kontumaċi), fix-xhieda tiegħu f'dik il-kawża (ara kopja fol. 12 f'dan l-inkartament), qal :— "Huwa, biex ipattili, ċedieli nofs li kellu tal-liċenza";

Ikkunsidrat ;

Illi dina ċ-ċessjoni ta' nofs il-liċenza tax-char-a-banc imsemmi fiċ-ċitazzjoni, pretiża magħmula mill-konvenut Salvatore Cascun favur ibnu l-konvenut Francesco, ma hijiex attendibili, għal diversi raġunijiet :—

1. It-trasferiment sar wara li kienet ġiet xjolta b'sentenza l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn l-attriċi u żewġha, il-konvenut Salvatore. "Ex concessis" l-akkwist ta' nofs tax-char-a-banc u l-liċenza sar waqt iż-żwieġ, u għalhekk kien jaqa' fil-koakkwisti. Issa, bix-xoljiment tal-komunjoni l-konvenut ma baqax aktar "dominus" di fronti għat-terzi b'mod li jista' jiddisponi mill-akkwisti skond l-artikolu 1362 Kodiċi Ċivili. Għalhekk, meta hu ddispona minn nofs tal-liċenza (liema nofs kien jappartjeni lill-komunjoni issa xjolta), hu ġie li ddispona minn ħaġa ta' ħadd ieħor. Issa hu magħruf li fid-Dritt Modern, fejn il-bejgħ jittrasferixxi l-proprjetà, għad-differenza tad-Dritt Ruman, fejn il-bejgħ kien jittrasferixxi l-pussess biss, il-bejgħ ta' ħaġa ta' ħadd ieħor huwa null. Anzi proprjament, quddiem it-terz, sid il-ħaġa, il-bejgħ hu "res inter alios acta", b'mod li hu lanqas għandu bżonn jimpunja l-bejgħ, imma jista' jipprexindi minnu u jirrivendika l-ħaġa. Lanqas hu l-każ ta' pussess "in buona fede" millparti ta' Francesco Cascun, għaliex mill-kumpless tal-provi jirriżulta illi hu ma setax ma jkunx jaf bid-drittijiet ta' l-attriċi ommu ;

2. Il-bejgħ kien simulat, u s-simulazzjoni hi forma ta' frodi li taqa' taħt is-sanzjoni ta' l-"Actio Pauliana" kontemplata fl-art. 1187 tal-Kodiċi Ċivili. Igħid difatti l-Butera :— "Quando la prima parte dell'articolo 1235 Codice Civile dichiara impugnabili dai creditori gli atti fatti in frode delle loro ragioni, stringe indubbiamente nella sua rete gli atti 'simulati' e quelli fraudolenti. L'atto simulato perciò non si deve fondere e confondere con l'atto fraudolento, nè dal medesimo completamente separare, ma soltanto distinguere come una particolare forma di frode" (ara anki l-ġurispru-

denza ċitata in nota minn dan l-awtur, paġina 56 u 57 idem). Jingħad illi l-bejgħ kien simulat għaliex juruh il-kumpless taċ-ċirkustanzi. Infatti ebda prezz ma ġie pattwit; jekk il-kontraenti ppretendew illi ċ-ċessjoni kienet qiegħda ssir bi tpattija tas-serviġi taċ-ċessjonarju, jibqa' dejjem li ebda kontegg tal-valur ta' dawn is-serviġi, jew ta' dak li suppost li kellu jieħu l-konvenut Francesco, ma sar biex jista' jiġi stabbilit il-korrispettiv. Minbarra dan, wara s-supposta ċessjoni l-profitti baqgħu jinqasmu bin-nofs bħalli kieku ma kien sar xejn. Il-qerq kien hemm miż-żewġ naħiet għaliex il-provi kollha juru li ż-żewġ konvenuti kontraenti kienu jafu, u ma setgħux ma kienux jafu, bid-drittijiet ta' l-attriċi. Il-verità hi illi, meta l-konvenut sab ruħu konfrontat bil-likwidazzjoni ta' l-akkwisti, hu ried jipprivа lill-attriċi minn sehemha tan-nofs tal-liċenza — valur mhux traskurabili, meta wieħed jiftakar fis-somom, spiss favolużi, li jitħallsu għal-liċenzi simili;

Ikkunsidrat;

Illi ċ-ċirkustanza illi l-liċenza hi ntestata għan-nom tal-konvenut Francesco Cascun ma tistax tnaqqas id-drittijiet ta' l-attriċi. Il-konvenut kellu fi ħsiebu dina ċ-ċirkustanza meta fin-nota ta' riljevi tiegħu qal illi dik illi l-attriċi ssejjaħ ċessjoni ma hijiex ħlief il-konstatazzjoni tal-fatt li l-liċenza hija tal-konvenut Francesco. Imma hu magħruf (u f'dan s-sens dejjem kienet il-ġurisprudenza fis-soluzzjoni ta' każijiet simili) illi l-intestatura tal-liċenza vis-a-vis il-Pulizija hi ta' importanza biss għall-finijiet amministrativi tal-ħlas tagħha u għall-finijiet tar-responsabilità tat-titolari di fronti għar-regolamenti ta' ordni pubbliku, bla ma jiġu bl-ebda mod preġudikati l-interessi patrimonjali ta' l-interessati. Hekk, per eżempju, biex jiġi ċitat każ wieħed fost il-ħafna li ġew quddiem dawn il-Qrati, fil-kawża "Muscat vs. Perin", 11 ta' Diċembru 1920, Prim'Awla, kien qiegħed jiġi likwidat l-assi partikulari ta' mara miżżewġa. Ġie pretiż illi l-liċenza ta' l-ispiriti, li hi kellha għall-ħanut tagħha qabel ma żżewġet, kellha tidħol fl-akkwisti għaliex fil-kors taż-żwieġ ġiet intestata għan-nom tar-raġel; iżda l-Qorti rriteniet illi l-valur tagħha kellu jidħol interament fl-assi partikulari tal-mara. Is-soluzzjoni sewwa hi illi quddiem l-awtorità amministrativa, res-

ponsabili hu t-titolari, imma, non ostanti l-intestatura, il-valur tal-liċenza jibqà' dejjem entità patrimonjali likwidabili bejn dawk li għandhom jeddijiet fuqha;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Il-Qorti tiddeċidi;

Billi tilqa' t-talba, u għar-raġunijiet premessi tiddikjara nulla u bla effett iċ-ċessjoni tan-nofs tal-liċenza msemmija fiċ-ċitazzjoni, bla preġudizzju ta' l-intestatura tagħha f'isem il-konvenut Francesco Cascun quddiem l-awtorità amminstrativa;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti, kull wieħed minnhom fl-intier quddiem l-attriċi, nofs kull wieħed fir-rapporti reċiproċi.